# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 28/K10/25**

Data tal-laqgħa: 23 t'April 2026

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Victor Vella – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Mario Amaira – Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Administration Officer II

Preżenza tal-pubbliku – (2)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

28.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u Mario Amaira talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**28.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

28.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 27/K10/26.

28.2.02 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

28.2.03 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ssekondaħ.

28.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**28.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets u Skeda tal-Pagamenti;**

28.3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6720 sa' 6731 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

28.3.02 Il-Viċi-Sindku Sean Gauci wasal fil 5.26p.m.

28.3.03 Dwar il-Purchase Request Sheets, il-Kunsill qabel unanimament.

28.3.04 Il- Kunsillier Victor Vella ppropona l-iskeda tal-pagament.

28.3.05 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ssekonda.

28.3.06 Il-Kunsilli qabel unanimament.

**28.4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

28.4.01 Dwar Ġnien Saver Zarb, iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li dan qed jitnaddaf mill-Kenniesa tal-area filwaqt li għaddej il-proċess biex jehel l-arblu ħabba l-meter tad-dawl.

28.4.02 Ic-Ċermen informa lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-kuntrattur tac-CCTV Cameras u iktar tard ċ-Ċermen jiltaqa' mal-Kunsilliera biex tiġi finalizzata l-lista ta fejn ser jeħlu l-cameras.

28.4.03 Ic-Ċermen informa li c-Coffee Morning li kellu jsir fil-21 t'April 2026 ġie pospost għal 28 t'April 2026 u ser isir Villa Arrigo. Qabel ser ikun qed issir quddiem fil-Kappella ta' San Pawl tat-Targa, u saret ukoll il-Ħarga ta' San Girgor.

28.4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-latrina pubblika ta' Spinola nfetħet b'assistent magħhom full time. Il-ħinijiet ser ikunu mis-7.30a.m. sa' 7.30p.m. Sadanittant qed isir sforz min-naħa tal-Cleansing Maintenance Division biex jinstabu n-nies biex il-latrina tibqa miftuħa sas-1.00 ta' filgħodu waqt il-perjodu tas-Sajf.

28.4.05 Fir-rigward l-iskema ta Xatt ta' Spinola, dwar il-ħsarat ta' Storm Harry, il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni neċessarja.

28.4.06 Iċ-Ċermen nforma li dwar il-*hedge* tal-promenade, il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand id-Dipartiment ikkonċernat jekk jistax il-Kunsill jimxi bil-kwotazzjonijiet li għandu.

28.4.07 Iċ-Ċermen informa wkoll li l-area meeting li jmiss ser issir fit-28 t'April 2026 ta' Paceville, 15 ta' Mejju ser issir l-area meeting ta' Ta' Giorni u The Village, 22 ta' Mejju 2026 ser issir il-laqgħa ġenerali, filwaqt li fit-8 ta' Mejju ser issir il-laqgħa mas-Sajjieda. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri talbet li jintbagħtu l-punti li qed jinħargu mill-area meetings lill-Kunsilliera.

28.4.08 Dwar il-laqgħa tal-iskema tal-annimali, iċ-Ċermen nforma li qed issir l-applikazzjoni sabiex jiġi rranġat id-Dog Park li jinsab fi Triq il-Baltiku. Il-Kunsillier Carlo Mifsud semma area li hemm fi Triq Jean Houel u issuġġerixxa li għandha ssir speċi ta' *bird park*. Minħabba li l-iskema trid issir applikazzjoni waħda għal kull lokalita', ġie deċiż li l-area tiġi rranġata mill-Kunsill stess.

28.4.09 Dwar it-tabelli tal-piż tal-vetturi kbar fl-area tat-toroq dojoq tal-lokalita, ic-Ċermen nforma li saret laqgħa ma' Transport Malta dwar dawn u l-Kunsill għandu jibagħat l-informazzjoni tal-għoli tal-iktar gallarija baxxa.

28.4.10 Dwar it-traffiku fl-area ta Spinola, ġie deċiż li l-Kunsill jibagħat s-suġġerimenti tiegħu lill Transport Malta u jitlob li dawn għandhom jiġu kunsidrati qabel ssir l-junction. Iċ-Ċermen issuġġerixxa li fuq dawn is-suġġerimenti għandha ssir laqgħa informali u jiġu diskussi dawn il-proposti biss imbagħad dawn is-suġġerimenti għandhom jintbagħatu lil Transport Malta. Il-Kunsillier David Caruana issuġġerixxa li għandha ssir proposta li jkun hawn sistema li jkun hawn limiti tal-karozzi bil-y plates fil-lokalita' (Entry Cap / Geo-fencing). Din il-proposta għandha tintbagħat flimkien mas-suġġerimenti tat-traffiku li ser jintbagħtu dwar l-area ta' Spinola.

28.4.11 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li wara laqgħa li kellu mal-Perit Bezzina, saru xi tibdiliet żgħar fil-pjanta tal-Kumpless ta' Dun Anton Sciberras. Iċ-Ċermen informa wkoll li sal-lum l-Kunsill għadu

ma rċieva l-ebda risposta fuq min hu nteressat għal użu ta dan il-Kumpless wara l-avviż li ttela fuq Facebook.

28.4.12 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dwar il-bust ta Dun Anton Sciberras, għaddejja il-korrispondenza mal-Perit tal-Kunsill.

28.4.13 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li dwar ix-xogħolijiet ta Triq Ivo Muscat għaddejjin ix-xogħolijiet ta drenaġġ u ilma filwaqt li x-xogħolijiet ta Paceville, t-tarmak issa hu lest però kien qed issir xi tħaffir tal-Enemalta ġol-Bajja ta' San Ġorġ. Dwar it-tarmak bejn l-ATM tal-Balluta u l-latrina, l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mill-perit tal-Public Works.

28.4.14 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li għandha qed nistennew risposta fuq meta ser isiru x-xogħolijiet fi Triq il-Kbira.

28.4.15 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dwar il-fondi ta' aġġustament tas-snin, 2022, 2023, 2024, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali iddeċieda li jtuna l-ammont ta' €20,000 ghas-sena 2022 biss.

28.4.16 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-bankina ta Triq Mikiel Ang Borg (ta quddiem il-Clinic) ser tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill.

28.4.17 Dwar Triq Wied Għomor, iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-bankini ta Triq Wied Għomor nzebghu biex jiġu ma jizolqux.

28.4.18 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-iskema tal-attivitajiet kulturali ser tintuża għal beachfest 2026 u li din ser issir fit-12 ta' Lulju 2026 filwaqt li l-iskema tal-Milied ser issir fit 13 ta' Diċembru 2026.

28.4.19 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir *sleeping policeman* fi Triq Spinola u oħra lejn it-tarf ta Vjal Portomaso.

28.4.20 Dwar l-invit biex isiru xi laqgħat dwar l-Intelligenza Artifiċjali, iċ-Ċermen informa li għandha qed nistennew risposta sabiex issir il-laqgħa magħhom.

28.4.21 Fir-rigward il-culvert ta' Taraġ Attard Kingswell iċ-Ċermen nforma li ltaqa mal-Perit u l-kuntrattur u ġie deċiż li jinstabu ritratti antiki ta kif kienet tiffunzjona is-sistema u hekk il-kuntrattur jirranġa l-bankina kif kienet oriġinarjament.

28.4.22 Dwar Ġnien Spinola, ċ-Ċermen ltaqa ma' rappreżentant ta' Project Green u l-kuntrattur u wara li ġie deċiż x'għandu jsir intbagħtu l-istimi neċessarji lil-Project Green. Il-Kunsill issa qed jistenna l-*go ahead* li jista' jibda x-xogħol però jekk dan jiġi aċċettat ġie

miftiehem li minħabba żmien it-turiżmu u tħawwil tal-pjanti ix-xogħol għandu jibda f'nofs Settembru.

28.4.23 Dwar l-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar f'The Gardens, l-Kunsill ġie nfurmat li saret l-objection u ser issir objection ukoll għal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ta' Triq Lapsi li jagħti għal Triq Montanaro Gauci.

28.4.24 Iċ-Ċermen nforma li ġew aċċettati żewġ applikazzjonijiet mal-Ewropa li saru min naħa ta Focus Europe

28.4.25 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni dwar kummenti anonimi li qed issiru fuq il-paġna ta' Save St. Julians u li qed jwaddbu malafama fuq il-Kunsill u l-Kunsilliera. Iċ-Ċermen apparti li għamel rapport l-għassa tkellem mal-amministratur tal-paġna ta' Facebook u ġie deċiż li l-kummenti anonimi jitneħħew.

28.4.26 Dwar il-Ġnien li kellu jsir bejn Triq San Mark u Triq San Mikiel, iċ-Ċermen talab il-pjanti lill-Perit biex ikun jista' jibda x-xogħol neċessarju. Il-permess ta' dan il-proġett jagħlaq fis-sena 2027.

***28.5 Talba għal kumpens rigward inċident fi Triq Birkirkara (Każ 6/2026)***

28.5.01 Iċ-Ċermen informa dwar claim li l-Kunsill irċieva dwar inċident.

28.5.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li l-Kunsill li jibgħat din il-claim lill-Avukata tal-Kunsill.

***28.6 Budget 2026***

28.6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Budget 2026 għal-attenzjoni tal-Kunsill.

28.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ta' dan il-budget

28.6.03 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

28.6.04 Il-Kunsillier David Caruana ssekondah.

28.6.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

***28.8 Talbiet żgħar:***

**28.08.01** ***Talba għal Reserved Parking Bay għal Ambulanza tar-Red Cross il-Bajja tal-Balluta;***

28.08.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Pulizija tal-Komunità għamlu talba li ssir Reserved Parking Bay għal-Ambulanza tar-Red Cross. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li għandha titressaq talba lil Transport Malta li din għandha ssir fit-Triq Ir-Rampa ta' San Giljan u għandha ssir tabella neċessarja.

Ġie deċiż ukoll li l-vann li qed jipparkja ħdejn in Neptunes ma jistax jibqa' hemm u l-Kunsill għandu jara x'jista' jsir.

Ġie deċiż ukoll li għandha ssir applikazzjoni sabiex il-Bus Stop li hemm il-Balluta għandha titressaq ħdejn il-Kunvent tal-Patrijiet minħabba l-kongezzjoni tat traffiku li qed toħloq.

**28.08.02** ***Talba sabiex tissemma Triq bla isem fi Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq Furtu Selvatico***

28.08.02.01 Ic-Ċermen ressaq din it-talba u ġie deċiż li l-Kunsilliera għandhom ibagħtu l-proposti tagħhom lill-Kunsill.

**28.08.03** ***Talba għal bdil tal-isem ta' parti min Triq Santu Wistin***

28.08.03.01 Iċ-Ċermen reġa' ressaq l-email mingħand l-Street Naming Committee dwar bdil tal-isem ta' parti minn Triq Santu Wistin. Ġie deċiż li għalissa ma titiehdx deċiżjoni u tiġi deċiża aktar l'quddiem.

**28.09 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

28.09.01 Il-Kunsillier Carlo Mifsud talab update fuq *ir-repairs* tal-maltempata Harry, għalhekk ġie deċiż li c-ċermen jagħmel kuntatt mal-persuna konċernata mill- ERA jekk id-differenza tal-iskema tal hedges tistax tintuża għal ħsarat l-oħra.

28.09.02 Il-Kunsillier David Caruana bagħat email bil-mistoqsijiet u c-Ċermen u Segretarju Eżekuttiv wieġbuh dwar:

- Żebra Cross fi Triq Henry Calleja – is-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar is-sitwazzjoni li hemm bżonn jsir tenching sabiex jagħddi d-dawl għal imsemmi pelican lights;
- Tender ta' Soft areas – ġie nfurmat li l-Kunsill qiegħed fil-proċess li joħroġ tender ġdid;

28.09.03 Il-Kunsillier Patricia Camilleri nfurmat li Karl Wright bagħat id-dati li huma: It-Tlieta, 19 ta' Mejju jew Tlieta 26 ta' Mejju jew Tlieta 2 ta' Ġunju. Għandu jiġi nfurmat li l-laqgħa għandha ssir fis-6.30 nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri pproponiet li l-Kunsill għandu jingħaqad mal-organizzaturi u l-voluntiera ta Dr.

Clown sabiex fl-1 ta' Mejju jmorru l-mixja li ser issir minn San Ġiljan għal Ta' Xbiex.

28.09.04 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando staqsa dwar s-survey ta Triq Dun Ġużepp Xerri u ġie nfurmat li dan qiegħed għand il-Perit. Ġie deċiż ukoll li l-Perit għandu jiċċekkja dwar il-grip ta' Triq il-Monasteru.

28.09.05 Il-Viċi-Sindku telaq fid-9.06p.m.

28.09.06 Il-Kunsilliera Victor Vella nforma li fil-Pjazza Guido Calleja hemm wires mdendlin u perikolużi.

**28.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

28.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju 2026 fl-5.00p.m.

28.10.02 Il-laqgħa ntemmet 9.15p.m.

IFFIRMATI

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 21 ta' Mejju 2026**

Tiżdied tabelli tal-speed limit u pedestrians fi Triq il-Kbira.

To send emai to MTA biex jtellaw r ramel tal-Balluta – IM

Lands – to check with Carlo and send reminder